# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 5 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 16**

**Rikors numru 903/21/1 AD**

**L-Avukat Malcolm Mifsud u l-Avukat Cedric Mifsud**

**v.**

**Il-Bord ta' Sorveljanza Dwar Sanzjonijiet**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar żewġ appelli mressqa mill-Bord ta' Sorveljanza Dwar Sanzjonijiet: (i) wieħed minn sentenza parzjali mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-11 ta' Marzu, 2022, fejn ġew miċħuda żewġ eċċezzjonijiet preliminari tal-Bord konvenut dwar l-improponibbilità tal-azzjoni attriċi u dwar jekk l-imsemmi Bord jaqax taħt it-tifsira ta'

awtorità pubblika skont l-**Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**; u (ii) ieħor minn sentenza finali mogħtija fit-12 ta' Mejju, 2023, fejn sabet li d-deċiżjoni tal-Bord konvenut meħuda fil-15 ta' Marzu, 2021 ma tiswiex minħabba li din ittieħdet bi ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali u għalhekk ordnat lill-Bord konvenut iħallas €800 lill-atturi bħala danni.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tal-10 ta' Settembru, 2021, l-avukati Malcolm u Cedric Mifsud fissru li b'ittra tad-29 ta' Settembru, 2020, il-Bord ta' Sorveljanza dwar Sanzjonijiet allega li Aegis Corporate Services Limited setgħet tat servizzi lil Arkadiy Rotenberg (persuna b'ċittadinanza Russa milquta minn sanzjonijiet tal-Unjoni Ewropea) sabiex dan ikun jista' jirreġistra l-bastiment M/Y Rahil Bloemsma taħt il-bandiera Maltija u dan bla ma saru l-verifiki meħtieġa skont l-**Artikolu 17(6) tal-Att dwar Poteri Li Jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali (Kap. 365 tal-Liġijiet ta' Malta)**. Minħabba f'hekk il-Bord ta żmien lil Aegis Corporate Services Limited sabiex din tressaq il-pożizzjoni tagħha bil-miktub.

3. L-avukati Mifsud ikomplu jgħidu li Aegis Corporate Services Limited kitbet lura lill-Bord konvenut fit-13 ta' Ottubru, 2020 u għarrfitu li hija la pprovdiet servizzi lil Arkadiy Rotenberg u lanqas lill-bastiment M/Y Rahil

Bloemsma. Fl-istess ittra iżda, Aegis Corporate Services Limited għarrfet lill-Bord konvenut li l-aġent resident ta' dan il-bastiment huwa l-avukat Cedric Mifsud, li huwa azzjonist f'sehem ta' 25% fil-kumpanija tagħha.

4. Peress li l-avukat Cedric Mifsud sar jaf b'din il-korrispondenza, huwa minn jeddu bagħat ittra lill-Bord konvenut fit-13 ta' Ottubru, 2020, fejn fiha spjega fost ħwejjeġ oħra: (i) li Aegis Corporate Services Limited ma kellhiex taqsam mar-reġistrazzjoni tal-bastiment; (ii) li s-servizzi tar-reġistrazzjoni tal-bastiment ingħataw mid-ditta legali *Mifsud & Mifsud Advocates*; (iii) li r-reġistrazzjoni saret dwar il-bastiment M/Y Rahil u mhux M/Y Rahil Bloemsma; (iv) li l-bastiment li ġie reġistrat ma kienx jappartjeni lil Arkadiy Rotenberg iżda lil Aleksandr Kozlov; (v) li meta saret ir-reġistrazzjoni tal-bastiment, Arkadiy Rotenberg ma kienx milqut b'sanzjonijiet; u (vi) li l-irwol tal-avukat Cedric Mifsud bħala aġent resident tal-bastiment ma jaqax fl-ambitu tal-**Artikolu 17(6) tal-Att dwar Poteri Li Jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali**.

5. L-avukati Mifsud iżidu li wara li nbagħtet din l-ittra huma ma rċevew l-ebda korrispondenza min-naħa tal-Bord konvenut, li permezz tagħha huma ngħataw x'jifhmu li d-ditta legali *Mifsud & Mifsud Advocates* jew l-avukati li jagħmlu parti minnha, kienu qegħdin jiġu investigati bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-**Att dwar Poteri Li Jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali**.

6. Minkejja dan, huma jgħidu li fil-15 ta' Marzu, 2021, il-Bord konvenut bagħat deċiżjoni lid-ditta legali *Mifsud & Mifsud Advocates*, li permezz tagħha waħħlitha multa ta' €800 għall-ksur tal-**Artikolu 17(6) tal-Att dwar Poteri Li Jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali** fuq ir-raġuni li ma saritx verifika ta' diliġenza kif suppost.

7. Billi fil-fehma tal-avukati Mifsud din id-deċiżjoni tal-Bord ta' Sorveljanza dwar Sanzjonijiet hija nulla u ma tiswiex għall-għanijiet tal-**Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċeduri Ċivili**, huma fetħu din il-kawża u talbu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi d-deċiżjoni illi ħa l-Bord ta' Sorveljanza dwar Sanzjonijiet fil-konfront tar-rikorrenti hija:*
>
> *(i) Fl-ewwel lok, għemil amminitrattiv ultra vires in kwantu l-Bord konvenut naqas milli josserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali fit-twettiq tal-imsemmi għemil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-għemil għall-finijiet tal-Artikolu 469A(1)(b)(ii) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta stante illi, fost affarijiet oħra, il-Bord ma informax lir-rikorrenti li kienu suġġetti ta' investigazzjoni li setgħet twassal għal multa fil-konfront tagħhom u ma ta l-ebda jedd lir-rikorrenti sabiex jinstema' qabel ma kkomunika d-deċiżjoni tegħu;*
>
> *(ii) Fit-tieni lok, tali għemil amministrattiv huwa ultra vires in kwantu jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-Bord konvenut billi dan l-għemil huwa msejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti u billi ma ġiex imsejjes fuq konsiderazzjonijiet li huma rilevanti għall-finijiet tal-Artikolu 469A(1)(b)(iii) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta stante illi l-Bord iddeċieda li l-bastiment huwa proprjetà ta' Arkadiy Rotenberg meta m'hemmx provi f'dan is-sens kif ukoll ikkonkluda li s-servizzi tal-esponenti kienu ta' attività rilevanti skont ir-Regolamenti kontra Money Laundering u Finanzjar ta' Terroriżmu, meta dan mhuwiex minnu;*
>
> *(iii) Fit-tielet lok, tali għemil amministrattiv huwa ultra vires in kwantu li jmur kontra l-liġi għall-finijiet tal-Artikolu 469A(1)(b)(iv) peress li ma*

*nħarġitx fil-konfront ta' persuna naturali jew persuna ġuridika kif jeħtieg l-Artikolu 17(6) tal-Kap 365 (L-Att Dwar Poteri Li Jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali). Inoltre s-servizzi tal-esponenti ma kinux ta' attività rilevanti skont ir-Regolamenti kontra Money Laundering u Finanzjar ta' Terroriżmu;*

*(iv) Fir-raba lok, tali għemil amministrattiv huwa null u invalidu peress jikser il-Kostituzzjoni, partikolarment l-Artikolu 39, għall-finijiet tal-Artikolu 469A(1)(a) peress li ma ngħatax smigħ xieraq u l-Bord eżercita d-diskrezzjoni tiegħu fejn ta d-deċizjoni ai termini tal-Artikolu 19 tal-Kap 365 (L-Att Dwar Poteri Li Jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali) li minnu m'hemmx Appell;*

*2. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-Bord konvenut huwa ħati u responsabbli għad-danni kollha kkaġunati lill-esponenti konsegwenza tad-deċiżjoni tiegħu hawn impunjata, tillikwida tali danni u tikkundanna lill-Bord konvenut iħallas lill-esponenti d-danni hekk likwidati;*

*Bl-ispejjeż.»*

8. Il-Bord ta' Sorveljanza Dwar Sanzjonijiet wieġeb fid-29 ta' Ottubru, 2021 u ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

*«**<u>Eċċezzjonijiet Preliminari</u>***

*5. Illi in linea preliminari, l-esponent jeċċepixxi l-improponibbilità tal-kawża odjerna stante illi l-mertu tal-kawża istanti huwa eżawrit. Ir-rikorrenti ħallsu l-multa tal-valur €800 u fil-mument li r-rikorrenti ħallsu l-multa huma aċċettaw l-imposizzjoni tal-multa u għaldaqstant ma fadal xejn x'jiġi mistħarreġ;*

*6. Illi in linea preliminari wkoll, l-esponenti jeċċepixxi li l-Bord intimat ma jaqax taħt id-definizzjoni ta' "awtorità pubblika" ai termini tal-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Konsegwentement, l-għemil tal-Bord ma jistax jiġi mistħarreġ permezz ta' kawża msejsa fuq dan l-artikolu u għalhekk għandu minnufih jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;*

***<u>Eċċezzjonijiet fil-Mertu</u>***

*7. Illi bla ħsara għal dak hawn fuq eċċepit, id-deċiżjoni meħuda mill-bord ma ngħatatx bi ksur tal-**Artikolu 469A(1)(a), (b)(ii), (b)(iii)** u **(b)(iv) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** u għalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ma jistħoqqilhomx li jiġu milqugħa;*

*8. Illi l-ilment tar-rikorrenti taħt l-**Artikolu 469A(1)(b)(ii) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, u ċjoè li l-Bord naqas milli josserva l-prinċipji tal-*

*ġustizzja naturali huwa infondat fil-fatt u fid-dritt. Dan għaliex id-deċiżjoni ngħatat b'ħarsien tal-kunċett tal-audi alterem partem għaliex ir-rikorrenti ngħataw l-opportunità li jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom lill-Bord bil-miktub. Kif ġie sottolineat diversi drabi f'ġurisprudenza tal-Qrati nostrana, sottomissjonijiet bil-miktub huma suffiċjenti u m'hemmx bżonn ikunu bil-fomm (ara f'dan is-sens is-sentenza* ***Gourmet Company Limited v. Avukat Ġenerali*** *(Rikors Numru 58/2005) deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Ġunju 2006 u s-sentenza* ***A & J Ta' Miema Ltd v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud*** *(Rikors Numru 12/2004) deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fl-14 ta' Ottubru 2004);*

*9. Illi l-ilment tar-rikorrenti lanqas ma jista' jirnexxi taħt l-****Artikolu 469A(1)(b)(iii) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta****. Kuntrarjament għal dak li qegħdin jgħidu r-rikorrenti, l-Avukat Cedric Mifsud tramite d-ditta legali Mifsud & Mifsud Advocates fil-fatt ipprovda servizzi lill-bastiment M/Y 'RAHIL' li huwa proprjetà tas-Sur Rotenburg. Dawn is-servizzi spiċċaw ġew provduti b'riżultat tan-nuqqas ta' diliġenza meħtieġa sabiex jiġu osservati s-sanzjonijiet imposti fuq is-Sur Rotenburg mill-Unjoni Ewropea. Dan l-aġir tar-rikorrenti in rappreżentanza tad-ditta legali tiegħu huwa bi ksur tal-obbligi imposti permezz tal-Artikolu 17(6) tal-Kapitolu 365 tal-Liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant il-multa ġiet imposta abbażi ta' għanijiet xierqa u konsiderazzjonijiet rilevanti;*

*10. Illi l-azzjoni tar-rikorrenti lanqas ma tista' tissokta taħt l-****Artikolu 469A(1)(b)(iv) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta*** *stante li ma jirriżultax li d-deċiżjoni tal-Bord li qiegħda tiġi attakkata tmur kontra l-liġi għax inħarġet kontra ditta legali. L-****Artikolu 17(6) tal-Kapitoli 365 tal-Liġijiet ta' Malta*** *ma jirreferix għal kontra min għandha tinħareġ deċiżjoni tal-Bord, kif qegħdin jallegaw ir-rikorrenti. Dan l-artikolu jirreferi għal min għandu l-obbligu li jivverifika l-elenki tan-Nazzjonijiet Magħquda, tal-Unjoni Ewropeja u tal-Bord u jissorvelja d-databases ta' klijenti u jwettaq kontrolli interni u proċeduri meħtieġa;*

*Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u dato ma non concesso, jekk din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li d-deċiżjoni tal-Bord għandha tinħareġ fil-konfront ta' persuna naturali jew persuna ġuridika, il-Qorti tal-Appell fl-ismijiet* ***Anthony Bugeja v. Carmelo Agius et*** *(Vol. LXXV. Ii 418 (1991)) waslet għall-konklużjoni li soċjetà (civil partnership) hija persuna ġuridika. Din ġiet konfermata wkoll fil-kawża* ***Helen Meli Attard pro et noe v. Pauline Cutajar et noe*** *(Deċiża fl-14 ta' April 1994) mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ). Jiġi b'hekk li d-deċiżjoni tal-Bord ingħatat skont il-liġi għaliex din ingħatat fil-konfront tas-soċjetà Mifsud & Mifsud Advocates li fil-fatt hija persuna ġuridika;*

*11. Illi in kwantu l-azzjoni tar-rikorrenti qiegħda tiġi bbażata fuq l-****Artikolu 469A(1)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta****, fejn l-istess rikorrenti qegħdin jallegaw li ma ngħatawx smigħ xieraq hekk kif protett mil-liġi taħt l-****Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni****, din ma tistax tintlaqa' għas-*

*segwenti raġunijiet:*

*a) Illi t-talba tar-rikorrenti mhijiex proponibbli stante li r-rikorrenti qatt ma jistgħu jintavolaw kawża għal-stħarriġ ġudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva u fl-istess nifs jitolbu li d-drittijiet fundamentali tagħhom ġew leżi abbażi tal-artikoli tal-**Kostituzzjoni ta' Malta** u/jew tal-**Konvenzjoni Ewropea**;*

*b) Illi din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni biex tieħu konjizzjoni ta' u tiddeċiedi dwar ilmenti ta' allegat ksur ta' drittijiet fundamentali (ara f'dan is-sens, is-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili deċiża fis-16 ta' Jannar 2018 fl-ismijiet **Charles Cini v. Il-Prim Ministru et**) stante li l-proċeduri odjerni mhumiex proċeduri istitwiti a tenur tal-**Artikolu 46 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u l-**Artikolu 4(1) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta**;*

*c) Illi huwa paċifiku li f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-**Artikolu 469A tal-Kapitolu 12**, il-ksur li jista' jkun hemm taħt il-**Kostituzzjoni ta' Malta** ma jirriferix għal ksur ta' xi wieħed mid-drittijiet maħsuba fil-**Kapitolu IV** tal-istess, u ċjoè ksur ta' drittijiet fundamentali, imma għal xi ksur ta' xi dispożizzjoni oħra tal-istess Kostituzzjoni (ara f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet **Christopher Hall v. Direttur tadDipartiment għall-Akkomodazzjoni Soċjali et**, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-18 ta' Settembru 2009);*

*d) Illi din il-Qorti kif vestita fil-Ġurisdizzjoni Ċivili tagħha għandha l-jedd se mai li tisma' lanjanza ta' natura dwar stħarriġ ġudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva imma qatt ma tista' taqta' u tiddeċiedi illi xi drittijiet fundamentali ta' persuna ġew leżi stante illi din il-funzjoni tispetta bil-liġi lill-Qrati li għandhom funzjoni ta' natura Kostituzzjonali;*

*12. L-esponenti finalment jeċċepixxi n-nullità tar-rikors ġuramentat peress li fih kawżali u talbiet alternattivi li huma kontradittorji u kunfliġġenti (allegans contraria non est audiendus), liema talbiet irendu l-istess talbiet inammissibbli u dan stante illi r-rikorrenti qegħdin jitolbu stħarrig ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv u fl-istess nifs qegħdin jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti tillikwida danni (da liquidarsi). Ir-rikorrenti infatti ma jagħtu l-ebda spjegazzjoni ta' x'inhuma d-danni li qegħdin jallegaw li ġarrbu u wisq anqas jipprovaw jikkwantifikawhom. Ir-rikorrenti ma jispjegaw ebda ness ta' kawżalità bejn l-aġir tal-esponenti u d-danni pretiżi minnhom. Fi kwalunkwe każ, ai termini tas-**sub-inċiż (5) tal-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12**, annullament ta' att amministrattiv kommess minn awtorità pubblika ma jwassalx għall-għoti ta' danni sakemm ma jiġix ippruvat illi l-awtorità pubblika aġixxiet in mala fede jew b'mod irraġonevoli li fil-każ odjern ċertament mhuwiex il-każ;*

*13. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.»*

9. B'sentenza parzjali mogħtija fil-11 ta' Marzu, 2022, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet iż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari tal-Bord konvenut għar-raġunijiet, li fissrithom hekk:

*«**<u>A. L-Ewwel Eċċezzjoni Preliminari: L-improponibbiltà tal-kawża stante illi l-mertu huwa eżawrit għax ir-rikorrenti ħallsu l-multa ta' €800</u>***

*18. Il-Bord konvenut isostni illi ġaladarba r-rikorrenti ħallsu l-multa fuqhom imposta, huma aċċettaw l-imposizzjoni tal-multa, u għaldaqstant ma fadal xejn x'jiġi mistħarreġ. Mill-banda l-oħra, ir-rikorrenti qed jikkontendu illi huma għamluha ċara mal-Bord konvenut illi l-multa kienet qed titħallas taħt protest, u dana permezz ta' e-mail illi fiha ġie dikjarat, "Despite payment being made, the imposition of the fine will be contested before the appropriate forum.";*

*19. Mill-atti jirriżulta illi:*

*a. Permezz ta' e-mail datata 29 ta' Marzu 2021 spedita lir-rikorrrenti fil-11:12hrs, ir-rikorrenti ġew informati illi, "stipulated deadline for payment is today 29 March at close of business. Should the deadline elapse, the Board is empowered to impose a daily cumulative sanction" (Vide Dok A anness mal-affidavit tal-Avukat Cedric Mifsud);*

*b. Permezz ta' e-mail responsiva datata wkoll 29 ta' Marzu 2021 spedita mir-rikorrrenti lir-rappreżentanti tal-Bord konvenut fl-15:46hrs (Vide Dok B anness mal-affidavit tal-Av Cedric Mifsud), ir-rikorrenti informaw lill-Bord konvenut illi huma kienu ħallsu l-multa amministrattiva, iżda, "Despite payment being made, the imposition of the fine will be contested before the appropriate forum. The fact that there is no recourse to an appeal does not mean we cannot contest it. We are of the firm and learned opinion that the decision is flawed both from a procedural aspect and a legal one." In oltre, fl-istess e-mail, ir-rikorrenti jkomplu jiddelineaw ir-raġunijiet kollha illi għalihom qed jikkonsidraw l-imposizzjoni tas-sanzjoni amministrattiva bħala waħda żbaljata;*

*20. Din il-Qorti hija tal-fehma illi ġie sodisfaċentement pruvat mir-rikorrenti illi l-ħlas huma għamluh taħt protesta, u mhux għaliex verament kienu qed jaċċettaw is-sanzjoni amministrattiva. Dan jirriżulta minn 3 punti: (a) mill-fatt illi r-rikorrenti ħallsu biss is-sanzjoni amministrattiva ftit sigħat wara illi ġew informati illi jekk ma jħallsux, din ser tibqa' takkumula; (b) mill-fatt illi r-rikorrenti ħallsu s-sanzjoni amministrattiva litteralment fl-aħħar minuta; u (c) mill-fatt illi r-rikorrenti kienu pronti informaw lill-Bord konvenut illi huma ma kinux qed jaqblu mal-imposizzjoni tas-sanzjoni amministrattiva, u li kienu sejrin*

*jikkontestaw l-imposizzjoni tal-istess sanzjoni;*

*21. Il-Qorti tinnota illi fl-affidavit tiegħu (Vide Dok BSS4 a fol 232 tal-proċess) Neville Aquilina jsostni illi "fl-ebda mument qabel jew waqt il-ħlas ta' tali multa r-rikorrenti ma vverifikaw li l-multa tħallset taħt protest". Din il-Qorti hija tal-fehma illi l-mument illi fih ir-rikorrenti informaw lill-Bord konvenut illi ma kinux qed jaqblu mas-sanzjoni fuqhom imposta u li sejrin jikkontestawha kien il-mument opportun. Dok BSS3 (A fol 227 tal-proċess) anness mar-risposta ġuramentata tal-Bord konvenut jindika illi l-ħlas tas-sanzjoni amministrattiva sar permezz ta' bank transfer. M'hemmx indikat eżattament il-ħin illi fih daħal il-pagament, iżda fl-e-mail tiegħu lill-Bord konvenut, ir-rikorrenti Av Cedric Mifsud jgħid, "Attached is the proof of payment of the fine imposed", jiġifieri l-ħlas sar f'xi mument bejn il-11:12hrs u l-15:46hrs nhar id-29 ta' Marzu 2021. Mhux għalhekk il-każ illi r-rikorrenti ħallew żmien twil jiddekorri mill-mument tal-ħlas sal-mument illi fih informaw lill-Bord konvenut illi l-ħlas kien qiegħed jiġi effettwat taħt protesta, anzi hemm possibiltà kbira illi l-pagament kien għadu lanqas biss wasal għand il-Bord konvenut fil-ħin illi fih intbagħtet l-e-mail, stante illi bank transfers jieħdu l-ħin tagħhom sabiex jiġu effettwati. Dan, però, huwa punt illi ma ġiex pruvat, la minn parti u lanqas mill-oħra. In oltre, għalkemm huwa minnu illi r-rikorrenti ma indikawx fl-e-mail tagħhom il-kelmiet preċiżi "under protest", il-kliem u spjegazzjoni użati fl-e-mail tar-rikorrenti nnifisha ma jħallu l-ebda dubju illi effettivament ir-rikorrenti ma kinux qed jaqblu mas-sanzjoni amministrattiva imposta, u huwa mifhum illi l-ħlas sar taħt protesta;*

*22. Il-Qorti, bir-rispett kollu dovut, ma taqbilx mat-teżi tal-Bord konvenut illi l-ammont massimu li r-rikorrenti setgħu jiġu mġiegħla jħallsu kienet sanzjoni amministrattiva akkumulattiva ta' €1,000, u li għalhekk ir-rikorrenti setgħu ma ħallsuhiex u ħallewha takkumula. Sanzjoni hija sanzjoni, bl-implikazzjonijiet kollha illi ġġib magħha, irrispettivament minn kemm hu l-ammont illi wieħed jiġi mġiegħel iħallas;*

*23. In oltre, l-unika dritt ta' appell illi jipprovdi għalih il-Kap 365 tal-Liġijiet ta' Malta huwa minn deċiżjoni ai termini tal-Artikolu 3(4)(a), u mhux mill-Artikolu 19 tal-istess Att illi taħtu ġiet imposta s-sanzjoni amministrattiva. Konsegwentement ir-rikorrenti ma kellhom l-ebda mod kif "jissospendu" l-effetti tal-inadempjenza tagħhom sabiex iħallsu s-sanzjoni amministrattiva billi jinterponu appell mid-deċiżjoni tal-Bord konvenut ai termini tal-Kap 365 tal-Liġijiet ta' Malta, u, fil-każ illi s-sanzjoni amministrattiva ma titħallasx, l-ammont illi kien ser ikun dovut mir-rikorrenti kien ser ikompli jakkumula hekk kif jinqabeż id-29 ta' Marzu 2021. Din il-Qorti għalhekk taqbel mar-rikorrenti in kwantu jsostnu illi l-unika mod illi setgħu jserrħu moħħhom illi s-sanzjoni mhix ser teċċedi t-tmien mitt Ewro (€800) kien billi jħallsu s-sanzjoni amministrattiva taħt protest u jikkontestawha bil-proċeduri odjerni;*

*Finalment, din il-Qorti tħoss illi jkun għaqli illi ssir referenza għall-ġurisprudenza nostrana fejn, f'każijiet mhux preċiżament dwar l-istess*

*mertu, iżda dwar mertu simili, sar ħlas taħt oġġezzjoni, u eventwalment ġie ordnat mill-Qorti illi l-ammont hekk imħallas jiġi rifuż. Din il-Qorti tagħmilha ċara illi dan m'għandux jiġi interpretat mill-partijiet bħala deċiżjoni ta' din il-Qorti dwar il-mertu tal-vertenzi bejn il-partijiet fil-każ odjern, iżda bħala konsiderazzjoni illi l-fatt illi l-ħlas ikun sar mir-rikorrenti ma jipprekludihiex milli tindaga xorta waħda l-għemil tal-Bord konvenut, u, fil-każ illi ssib xi nuqqas, tordna r-rifużjoni tas-sanzjoni amministrattiva hekk imħallsa. Hekk, per eżempju, fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet* **William sive Willie Grech u Anna Grech v. Awtorità għat-Trasport f'Malta** *(Ċit Nru 418/2008, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 18 ta' Settembru 2012, Onor Imħ Anthony Ellul (in ġudikat)), din il-Qorti kif diversement presjeduta ordnat lill-Awtorità tirrifondi lill-konjuġi Grech taxxa ta' reġistrazzjoni żejda illi kienet tħallset minnhom taħt protesta, wara illi sabet illi tali taxxa ma setgħet qatt tiġi inforzata mill-Awtorità. Dwar l-istess mertu u fuq l-istess binarji ġiet deċiża wkoll il-kawża fl-ismijiet* **L-Avukat Dr Marco A. Ciliberti et v. L-Onorevoli Prim Ministru et (***Rik Ġur Nru 1215/2008, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 16 ta' Ġunju 2016, Onor Imħ Lorraine Schembri Orland (in ġudikat)). Referenza ssir ukoll għas-sentenza kwotata mir-rikorrenti stess fit-trattazzjoni tagħhom tal-eċċezzjonijiet preliminari in eżami mogħtija fl-ismijiet,* **Public Broadcasting Services Limited v. Awtorità tax-Xandir** *(Ċit Nru 1692/2000/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 11 ta' Mejju 2009, Onor Imħ Lino Farrugia Sacco (in ġudikat)) fejn ingħad, «Huwa loġiku li la l-liġi timponi l-obbligu li wieħed jobdi u jħallas, in segwitu, wara li jikkontesta u jaġixxi ġudizzjarjament, jekk jiġi ippruvat li kellu raġun għandu jiġi rimborsat.» Din tal-aħħar kienet preċiżament tirrigwarda penali illi tħallsu mill-Public Broadcasting Services Ltd, u l-Qorti eventwalment ordnat ir-rimbors tal-istess penali wara illi sabet kontra l-Awtorità tax-Xandir;*

*24. Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-***<u>ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Bord konvenut, u ċjoè dik delineata fil-paragrafu numru 5 tar-Risposta Ġuramentata, għandha tiġi miċħuda</u>***.*

**<u>B. It-Tieni Eċċezzjoni Preliminari: Il-Bord konvenut ma jaqax taħt id-definizzjoni ta' 'awtorità pubblika' ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta</u>**

*26. Il-Bord konvenut jeċċepixxi illi l-Bord ma jaqax taħt id-definizzjoni ta' "awtorità pubblika" ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, stante illi l-unika Bord illi jista' jitqies illi huwa "awtorità pubblika" ai termini tal-istess artikolu huwa kull Bord illi joħroġ liċenzji jew warrants. Dan mhux il-każ fil-każ tal-Bord konvenut, illi għandu biss is-setgħa illi jieħu deċiżjonijiet, jagħmel rakkomandazzjonijiet, jagħti awtorizzazzjonijiet, joħroġ deċiżjonijiet, jagħti pariri u avviżi, u jibgħat lill-Awtoritajiet relevanti għal azzjoni, assistenza jew informazzjoni. Konsegwentement, isostni l-Bord konvenut, l-għemil tiegħu ma jistax jiġi mistħarreġ permezz ta' kawża msejsa fuq dan l-artikolu. Għalhekk għandu minufih jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;*

*27. Mill-banda l-oħra, ir-rikorrenti jsostnu illi r-referenza għal "Bord" taħt is-subartikolu 2 tal-Artikolu 469A ġiet interpretata mill-Qrati tagħna b'mod wiesgħa, u m'għandhiex għalhekk tiġi interpretata bħala lista eżawrjenti, kif tindika wkoll il-kelma 'tinkludi' fl-istess artikolu. Ir-rikorrenti jissottomettu illi huwa ċar li l-Bord ta' Sorveljanza hija Awtorità Pubblika għal żewġ raġunijiet: (a) dan kien għemil amministrattiv, u huwa l-Artikolu 469A illi jirrevedi għemil amministrattiv; u (b) id-dritt innifsu jgħid "multa amministrattiva", u ċjoè multa ta' Awtorità Pubblika li qed tiġġestixxi l-Amministrazzjoni;*

*28. L-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jiddefinixxi "awtorità pubblika" bħala: "il-Gvern ta' Malta, magħdudin il-Ministeri u dipartimenti tiegħu, awtoritajiet lokali u kull korp magħqud kostitwit permezz ta' liġi u tinkludi Bordijiet li jkollhom awtorità bil-liġi li joħorġu warrants għall-eżerċizzju ta' xi sengħa jew professjoni";*

*Fl-ewwel lok, din il-Qorti tissenjala illi hija taqbel ma' dak sottomess mir-rikorrenti, u ċjoè illi minkejja illi l-liġi tagħmel referenza espliċita għall-Bordijiet li jkollhom awtorità li joħorġu warrants, dan ma jfissirx illi dan huwa l-uniku Bord illi jinkwadra taħt id-definizzjoni ta' 'awtorità pubblika' ai termini tal-Artikolu 469A. Dan jirriżulta b'mod mill-aktar ċar mill-użu mil-leġislatur tal-kelma "tinkludi", illi fiha nnifisha tindika illi mhumiex il-Bordijiet illi jkollhom din is-setgħa biss illi għandhom jaqgħu taħt din id-definizzjoni, iżda illi, b'mod partikolari, tali Bordijiet għandhom jiġu kkunsidrati bħal awtoritajiet pubbliċi wkoll. Huwa minnu illi, hekk kif jissottometti l-Bord konvenut, din l-emenda permezz tal-Att XXI tal-2020 saret sabiex tikkjarifika punt illi kien ilu li ġie stabbilit permezz ta' ġurisprudenza nostrana fir-rigward ta' Bordijiet ta' din ix-xorta, iżda, madankollu, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, din l-emenda ma teskludix stħarriġ ġudizzjarju fil-konfront ta' kwalsiasi Bord ieħor illi l-għemil amministrattiv tiegħu jista' jinkwadra ruħu taħt din id-definizzjoni. Fil-fehma ta' din il-Qorti, din l-emenda qiegħda tindika biss għall-fini ta' kjarezza illi Bordijiet illi jkollhom awtorità li joħorġu warrants huma wkoll soġġetti għal stħarriġ ġudizzjarju;*

*29. Il-funzjonijiet tal-Bord konvenut jemanu mis-sub-inċiż 5 tal-Artikolu 7 tal-Kap 365 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn, wara li ġew elenkati numru ta' funzjonijiet speċifiċi, huwa stabbilit, b'mod ġenerali, illi, "Il-Bord għandu, fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu, ikollu s-setgħa li jieħu deċiżjonijiet, jagħmel rakkomandazzjonijiet, jagħti awtorizzazzjonijiet, joħroġ deċiżjonijiet, jagħti pariri u avviżi, u jibgħat lill-awtoritajiet rilevanti għal azzjoni, assistenza jew informazzjoni." Bażikament, għalhekk, il-Bord konvenut huwa bord regolatorju;*

*30. In konsiderazzjoni tal-funzjonijiet varji illi għandu l-Bord konvenut, din il-Qorti ħasset illi kellha ddur għad-diskussjonijiet illi wasslu għal-liġi illi llum hija l-Kapitolu 365 tal-Liġijiet ta' Malta, b'mod partikolari l-partijiet mill-istess diskussjonijiet illi kienu jikkonċernaw it-twaqqif tal-Bord konvenut. Dan sabiex tifhem b'mod aktar ċar l-intenzjoni tal-leġislatur*

*f'dak illi huma s-setgħat u l-funzjonijiet tal-Bord in kwestjoni. Difatti, waqt il-Laqgħa Nru 11 tal-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi miżmuma nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Jannar 2018, ingħad illi, «L-Artikolu 7 jitkellem fuq għamla u funzjonijiet tal-Bord ta' Sorveljanza fuq Sanzjonijiet, bord li diġà huwa in place, però li qegħdin nagħmluh fil-liġi», u ċjoè, «Dak li huwa amministrattiv qed tagħmlu legali.» Ġie osservat ukoll illi l-Bord konvenut «għandu ċerti poteri, qisu huwa kollox – eżekuttiv, ġudizzjarju u leġiżlattiv f'daqqa.» Waqt li kien qed jiġi diskuss, imbagħad, waqt l-istess laqgħa, l-Artikolu 11 dwar il-proċedura illi permezz tagħha l-Bord konvenut jagħti deċiżjonijiet dwar jekk xi azzjoni li persuna tkun biħsiebha tagħmel hijiex projbita minn xi regolament partikolari, qamet il-kwestjoni dwar jekk tistax tiġi invokata d-dispożizzjoni taħt l-Artikolu 469A magħrufa bħala 'tad-deemed refusal'. Għalkemm, l-Artikolu 11 ma jolqotx il-mertu tal-każ odjern, il-Qorti tħoss illi għandha tikkunsidra r-risposta tal-Avukat Ġenerali meta ġie mistoqsi jekk l-Artikolu 469A isibx applikazzjoni fil-każ ta' deċiżjoni ai termini tal-Artikolu 11 tal-Kap 365 «ladarba dan huwa att amministrattiv"» liema risposta kienet is-segwenti: «Naħseb li huwa att amministrattiv* ***għax hija a decision of a public authority****.» Dan il-punt ma ġiex kontestat, u huwa preċiżament dan illi jwassal lil din il-Qorti għall-fehma illi l-intenzjoni tal-leġislatur minn dejjem kienet illi l-Bord konvenut għandu jitqies bħala 'awtorità pubblika' għall-fini tal-Artikolu 469A tal-Kap 12. Irrispettivament mill-fatt illi d-diskussjoni kienet tirrigwarda l-funzjoni tal-Bord konvenut ai termini tal-Artikolu 11 tal-Kap 365 u mhux l-Artikolu 19 tal-istess Att illi dwaru jinkwadra l-mertu fil-każ odjern, jekk il-Bord konvenut kellu jitqies bħala 'awtorità pubblika' meta qed joħroġ deċiżjoni ai termini tal-Artikolu 11, għandu jsegwi illi l-istess Bord konvenut, imbagħad, għandu jiġi wkoll meqjus bħala 'awtorita' pubblikà meta qed joħroġ deċiżjoni taħt l-Artikolu 19. Dan stante illi n-natura ta' Bord bħala 'awtorità pubblika' o meno m'għandhiex tiddependi fuq it-tip ta' deċiżjoni li tittieħed, jew fuq il-funzjoni illi l-Bord ikun qiegħed jaqdi meta joħroġ deċiżjoni, iżda tagħti definizzjoni ġenerali lill-Bord innifsu, irrispettivament mill-funzjoni illi l-Bord ikun qed jaqdi minn ħin għall-ieħor;*

*31. Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, din il-Qorti hija tal-fehma illi* ***<u>għandha wkoll tiġi miċħuda t-tieni eċċezzjoni preliminari sollevata mill-Bord konvenut, u ċjoè l-eċċezzjoni delineata fis-6 paragrafu tar-Risposta Ġuramentata tiegħu</u>****.»*

10. Imbagħad b'sentenza finali mogħtija fit-12 ta' Mejju, 2023, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet it-talbiet tal-atturi u l-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut billi:

*«i. Tilqa' in parte l-ewwel talba rikorrenti u tiddikjara li d-deċiżjoni tal-*

*Bord konvenut fil-konfront tar-rikorrenti riżultanti mill-ittra datata 15 ta' Marzu 2021 hija nulla, invalida u mingħajr effett a tenur tal-Artikolu 469A(1)(b)(ii) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt illi tiċħad l-ewwel talba rikorrenti in kwantu ssir referenza għall-Artikolu 469A(1)(a) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba rikorrenti in kwantu ssir referenza għall-Artikoli 469A(1)(b)(iii) u (iv);*

*(ii) Tilqa' t-tieni talba rikorrenti u, filwaqt illi tillikwida danni kaġunati lir-rikorrenti fis-somma ta' tmien mitt Ewro (€800), tiddikjara u tiddeċiedi illi l-Bord konvenut huwa ħati u responsabbli għal dawn id-danni hekk likwidati; u tordna lill-Bord konvenut iħallas lir-rikorrenti l-istess danni;*

*(iii) Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-Bord konvenut in kwantu mhux kompatibbli ma' din is-sentenza.*

*Bl-ispejjeż ta' din il-kawża a karigu tal-Bord konvenut.»*

11. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti biex iddeċidiet hekk huma dawn:

*«**<u>A. Sub-Inċiż (a): Meta l-egħmil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni</u>***

*27. Ir-rikorrenti jsostnu illi l-għemil amministrattiv huwa null u invalidu għaliex jikser l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, peress illi ma ngħatax smigħ xieraq u l-Bord eżerċita d-diskrezzjoni tiegħu fejn ta d-deċiżjoni ai termini tal-Artikolu 19 tal-Kap 365 tal-Liġijiet ta' Malta illi minnu m'hemmx appell.*

*...*

*31. Jirriżulta lil din il-Qorti illi l-ilment tar-rikorrenti huwa bbażat preċiżament fuq għemil amministrattiv illi r-rikorrenti qed jallegaw illi kiser id-dritt tagħhom għal smigħ xieraq kif protett mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Konsegwentement, għalhekk, b'applikazzjoni tal-prinċipji legali suesposti għall-fatti tal-każ odjern, din il-Qorti tikkonkludi illi l-ilmenti tar-rikorrenti ma jistgħux jiġu mistħarrġa minn din il-Qorti fil-kuntest tal-Artikolu 469A(1)(a), u dan stante illi huma marbuta ma' u bbażati fuq allegat ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħhom;*

*32. Din il-Qorti sejra għalhekk tiċħad in parte l-ewwel talba rikorrenti in kwantu tagħmel referenza għall-Artikolu 469A(1)(a) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

***<u>B. Sub-inċiż (b)(ii): Meta l-awtorità pubblika tkun naqset milli tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġijiet proċedurali</u>***

***<u>mandatorji fit-twettiq tal-għemil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-egħmil</u>***

*33. Ir-rikorrenti jikkontendu illi qabel l-ittra tal-15 ta' Marzu 2021 fejn ir-rikorrenti ġew immultati tmien mitt Ewro (€800), il-Bord konvenut qatt ma għamel kuntatt u qatt ma nnotifika lir-rikorrenti li b'xi mod setgħu jiġu penalizzati. Huma jsostnu illi minkejja illi wara illi s-soċjetà Aegis Corporate Services Limited irċeviet l-ittra datata 29 ta' Settembru 2020 ir-rikorrenti kitbu ittra datata 13 t'Ottubru 2020 in sostenn ta' dak li ġie dikjarat mill-istess soċjetà, dan m'għandux ifisser illi r-rikorrenti kienu kkunsidraw lilhom infushom soġġetti għal xi forma ta' investigazzjoni jew skrutinju dwar l-attività tagħhom, iżda kien jispetta lill-Bord konvenut illi, hekk kif ġie informat illi Aegis Corporate Services Limited ma kellhiex x'taqsam mal-bastiment, jinformaw lir-rikorrenti formalment illi kienu qed jiġu investigati;*

*...*

*36. Din il-Qorti tinnota għalhekk illi filwaqt illi fil-każ tas-soċjetà Aegis Corporate Services Limited il-Bord konvenut kien bagħat ittra illi fiha informa lis-soċjetà Aegis illi kien qiegħed jinvestigaha u talabha tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha, dan ma kienx il-każ fil-każ ta' Mifsud & Mifsud Advocates, iżda l-Bord konvenut jidher illi straħ unikament fuq is-sottomissjonijiet illi saru mir-rikorrenti minn jeddhom dwar investigazzjoni illi kienet tirrigwarda lil terza persuna, u qabad u impona l-multa fit-termini tal-Artikolu 19 tal-Kap 365 mingħajr ma bagħat pre-avviż bħalma għamel fil-każ tas-soċjetè Aegis;*

*37. Filwaqt illi din il-Qorti tifhem illi dan il-pass jista' jkun illi ttieħed per fini ta' effiċjenza, din il-Qorti ma tistax tasal taċċetta illi l-proċedura adoperata mill-Bord konvenut vis-à-vis r-rikorrenti (jew Mifsud & Mifsud Advocates) kienet il-proċedura ġusta... ...;*

*...*

*40. Huwa minnu illi r-rikorrenti għamlu sottomissjonijiet quddiem il-Bord konvenut permezz tal-ittra datata 13 t'Ottubru 2020 bil-letterhead ta' Mifsud & Mifsud Advocates rigward l-allegazzjonijiet magħmula fl-ittra tal-Bord konvenut datata 29 ta' Settembru 2020 u indirizzata lis-soċjetà Aegis Corporate Services Limited, iżda dawn is-sottomissjonijiet ma setgħux jiġu awtomatikament meqjusa mill-Bord daqslikieku kienu sottomissjonijiet magħmula in segwitu ta' allegazzjonijiet magħmula fil-konfront ta' Mifsud & Mifsud Advocates. Il-Bord kellu l-ewwel javża lir-rikorrenti illi l-investigazzjoni kienet qed iddur fuqhom qua prestaturi ta'*

*servizzi lill-bastiment, jagħti lir-rikorrenti l-possibiltà illi jagħmlu sottomissjonijiet mill-ġdid, u mbagħad jieħu deċiżjoni dwar jekk għandhiex tiġi imposta l-multa jew le a bażi tas-sottomissjonijiet sussegwentement magħmula. Dan irrispettivament mill-fatt illi s-sottomissjonijiet setgħu kienu se jkunu identiċi, u irrispettivament mill-fatt illi d-deċiżjoni aħħarija setgħet kienet se tkun l-istess... ...;*

*41. Biss biss, il-fatt illi l-Bord konvenut kien ta pre-avviż u l-possibbiltà illi tagħmel sottomissjonijiet tagħha s-soċjetà Aegis Corporate Services Limited, kien ħoloq fir-rikorrenti l-aspettattiva leġittima illi, jekk kienu ser jiġu investigati mill-Bord konvenut, kienu ser jingħataw pre-avviż u l-possibbiltà illi jagħmlu sottomissjonijiet ulterjuri. Dan b'mod partikolari tenut kont tal-fatt illi s-sottomissjonijiet magħmula mir-rikorrenti ma kinux qed jindirizzaw allegazzjonijiet magħmula fil-konfront tagħhom, iżda fil-konfront ta' soċjetà terza, b'dana illi l-Bord konvenut aktar u aktar ma seta bl-ebda mod jassumi illi dawk kienu s-sottomissjonijiet kollha illi kellhom x'jagħmlu r-rikorrenti fir-rigward;*

*42. Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, din il-Qorti hija sodisfatta illi ġie ppruvat lli d-deċiżjoni meħuda mill-Bord konvenut fil-konfront tar-rikorrenti kienet ultra vires fit-termini tal-Artikolu 469A(1)(b)(ii), u konsegwentement id-deċiżjoni tal-15 ta' Marzu 2021 meħuda fil-konfront tar-rikorrenti għandha titqies nulla, invalida u mingħajr effett.*

***Ċ. Sub-inċiżi (b)(iii) u (iv)***

*43. Ġaladarba d-deċiżjoni tal-Bord konvenut ġiet dikjarata nulla u mingħajr effett fit-termini tal-Artikolu 469A(1)(b)(ii), din il-Qorti sejra tastjeni milli tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha f'dan ir-rigward.*

***Talba għall-Ħlas tad-Danni***

*44. Ir-rikorrenti talbu lil din il-Qorti tiddikjara u tiddeċiedi illi l-Bord konvenut huwa ħati u responsabbli għad-danni kollha kaġunati lir-rikorrenti per konsegwenza tad-deċiżjoni tiegħu, tillikwida tali danni u tikkundanna lill-Bord konvenut iħallas lir-rikorrenti d-danni hekk likwidati;*

*...*

*47. Dan premess, din il-Qorti tqis illi filwaqt illi r-rifużjoni tal-multa mħallsa mir-rikorrenti fl-ammont ta' €800 hija meritata, id-danni pretiżi mir-rikorrenti rappreżentanti resident agent fees minnhom sofferti minħabba l-azzjonijiet meħuda mill-Bord konvenut mhumiex. Dan stante illi din il-Qorti mhix tal-fehma illi l-Bord konvenut aġixxa in mala fede, u, għalkemm huwa minnu illi forsi d-deċiżjoni tal-Bord konvenut kienet xi ftit mgħaġġla, il-Qorti temmen illi din id-deċiżjoni ttieħdet bl-intiż illi l-Bord konvenut ikun effiċjenti f'xogħlu. In oltre, din il-Qorti tinnota wkoll illi l-ewwel darba illi r-rikorrenti jsemmu r-resident agent fees u l-ammont ta' elf Ewro (€1,000) fis-sena huwa fin-nota ta'*

*sottomissjonijiet tagħhom, u imkien mill-proċess ma jirriżulta dan l-ammont pruvat;*

*48. Għaldaqstant, din il-Qorti sejra tilqa' t-tieni talba rikorrenti,u dana billi tillikwida danni fl-ammont ta' tmien mitt Ewro (€800) rappreżentanti l-multa mħallsa mir-rikorrenti in adempjenza mal-istruzzjonijiet mogħtija fl-ittra deċiżorja tal-15 ta' Marzu 2021, u tordna lill-Bord konvenut iħallas id-danni hekk likwidati.»*

12. Kif ingħad aktar kmieni, il-Bord ta' Sorveljanza Dwar Sanzjonijiet appella kemm mis-sentenza parzjali tal-11 ta' Marzu, 2022, kif ukoll mis-sentenza finali tat-12 ta' Mejju, 2023 u talab biex dawn is-sentenzi jiġu mħassra fejn ġew miċħuda l-eċċezzjonijiet tiegħu u fejn ġew milqugħa t-talbiet tal-atturi.

13. L-avukati Mifsud, wieġbu għal dawn iż-żewġ appelli fl-14 ta' Lulju, 2023 u fit-tweġiba tagħhom huma taw ir-raġunijiet tagħhom il-għala dawn l-appelli mhumiex mistħoqqa.

14. Il-Qorti wara li rat l-atti kollha tal-kawża, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Konsiderazzjonijiet:**

15. Il-Qorti sejra tibda billi l-ewwel tqis l-appell mis-**<u>sentenza parzjali tal-11 ta' Marzu, 2022</u>**.

16. L-**<u>aggravju waħdieni</u>** tal-Bord konvenut kontra s-sentenza parzjali huwa msejjes fuq il-fatt li l-Ewwel Qorti messha aċċettat l-eċċezzjoni preliminari tiegħu dwar il-fatt li d-deċiżjoni tal-Bord ta' Sorveljanza Dwar Sanzjonijiet mogħtija fil-15 ta' Marzu, 2021 ma tistax tiġi misħarrġa taħt l-**Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** minħabba li l-Bord ma jaqax taħt it-tifsira ta' awtorità pubblika, kif provduta fl-istess artikolu tal-liġi.

17. Illi skont l-**Artikolu 469A(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:**

> *«awtorità pubblika tfisser il-Gvern ta' Malta, magħdudin il-Ministeri u dipartimenti tiegħu, awtoritajiet lokali u kull korp magħqud kostitwit permezz ta' liġi u tinkludi Bordijiet li jkollhom awtorità bil-liġi li joħorġu warrants għall-eżerċizzju ta' xi sengħa jew professjoni.»*

18. Il-Bord appellant jargumenta fl-appell tiegħu li skont din it-tifsira tal-liġi huma biss dawk il-bordijiet li għandhom l-awtorità bil-liġi li joħorġu *warrants* għall-eżerċizzju ta' xi sengħa jew professjoni, illi jaqgħu fit-tifsira ta' awtorità pubblika. Għalhekk skont l-appellant, bordijiet oħra bħalma huma l-Bord ta' Sorveljanza dwar Sanzjonijiet li ma joħorġux *warrants*, jaqgħu 'l barra minn din it-tifsira.

19. Min-naħa l-oħra, l-appellati Mifsud iwieġbu li t-tifsira ta' awtorità pubblika miġjuba fl-**Artikolu 469A(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u**

**Proċedura Ċivili** hija wiesgħa biżżejjed biex tinkludi fiha wkoll il-Bord ta' Sorveljanza Dwar Sanzjonijiet.

20. Din il-Qorti tibda billi tosserva li l-eċċezzjoni li ġiet imqajma mill-Bord appellant fir-risposta maħlufa tiegħu ma kinitx dwar jekk id-deċiżjoni tiegħu, li dwarha qiegħed jintalab l-istħarriġ ġudizzjarju f'din il-kawża, tikkwalifikax bħala għemil amministrattiv jew le. Mod ieħor, l-eċċezzjoni li tqajmet minnu hija fis-sens li l-Bord ta' Sorveljanza Dwar Sanzjonijiet mhuwiex meqjus bħala awtorità pubblika skont l-**Artikolu 469A(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Jiġi b'hekk, li l-ġurisprudenza kollha msemmija mill-Bord appellant illi tgħid li l-**Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** ma jistax jiġi wżat biex jiġu misħarrġa deċiżjonijiet mogħtija minn bordijiet b'funzjonijiet kważi-ġudizzjarji ma tgħinx wisq fil-kuntest ta' jekk entità għandhiex titqies bħala awtorità pubblika jew le.

21. Dan meqjus, din il-Qorti tissokta billi tgħid li ladarba l-azzjoni tal-lum hija waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-**Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, allura l-kontradittur leġittimu ewlieni tal-kawża tabilfors trid tkun awtorità pubblika.

22. Issa kif imsemmi aktar kmieni, fit-tifsira ta' awtorità pubblika hemm inkluż: (i) il-Gvern ta' Malta, magħdudin il-Ministeri u d-dipartimenti tiegħu;

(ii) l-awtoritajiet lokali u kull korp magħqud kostitwit permezz ta’ liġi; u (iii) bordijiet li jkollhom awtorità bil-liġi li joħorġu *warrants* għall-eżerċizzju ta’ xi sengħa jew professjoni.

23. Li rridu naraw mela huwa jekk il-Bord ta’ Sorveljanza dwar Sanzjonijiet jaqax taħt waħda minn dawn it-tliet kategoriji.

24. M’hemmx dubju li l-Bord ta’ Sorveljanza dwar Sanzjonijiet ma jaqax taħt l-ewwel kategorija ta’ entitajiet. Ibda biex, il-Bord ta’ Sorveljanza dwar Sanzjonijiet ma jistax jitqies bħala l-Gvern ta’ Malta għaliex id-direzzjoni ġenerali u l-kontroll tal-Gvern ta’ Malta hija fdata skont l-**Artikolu 79(2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta** f’idejn il-Kabinett. Hekk ukoll, l-imsemmi Bord ma jistax jitqies bħala ministeru għaliex il-Bord ma ġiex maħluq bħala organizzazzjoni distinta u separata f’portafoll assenjat lill-Ministru skont l-**Artikolu 82 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta** u l-**Artikolu 7 tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni Pubblika**. Fl-aħħar nett, dan il-Bord lanqas ma jista’ jitqies bħala dipartiment tal-Gvern għaliex dan ma jinsabx imniżżel fost id-dipartimenti msemmija fit-Tieni Skeda mehmuża mal-**Att Dwar l-Amministrazzjoni Pubblika**.

25. Nimxu għalhekk biex naraw jekk il-Bord ta’ Sorveljanza dwar Sanzjonijiet jaqax taħt it-tieni kategorija, dik ta’ awtoritajiet lokali u korpi magħquda kostitwiti permezz ta’ liġi.

26. Kif tajjeb jikteb il-**Professur Tonio Borg**, f'paġna 81 tal-ktieb tiegħu, ***Judicial Review of Administrative Action in Malta***:

> *«Statutory authorities are bodies created by Parliament under specific legislation, unlike departments which can be created by government without any direct parliamentary involvement. Satutory authorities cannot be altered or abolished except by a further Act of Parliament.»*

27. Jirriżulta mill-ġurisprudenza ta' dawn l-aħħar għoxrin sena, li l-Qrati tagħna qiesu li f'din it-tieni kategorija ta' awtoritajiet pubbliċi jaqgħu dawk l-entitajiet kollha li huma maħluqa b'liġi u illi jwettqu funzjonijiet regolatorji ta' natura pubblika u amministrattivi. Flimkien magħhom tqiesu wkoll li hemm imdaħħla dawk il-kumpaniji kummerċjali reġistrati mar-Reġistratur tal-Kumpaniji fejn il-kontroll effettiv tagħhom ikun f'idejn il-Gvern.

28. Fost dawn l-entitajiet li skont il-ġurisprudenza jaqgħu f'din it-tieni kategorija nsibu: (i) l-Awtorità tax-Xandir (ara ***Chairman tal-Kumpanija Public Broadcasting Services Limited et v. Awtorità tax-Xandir et noe et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Settembru, 2002 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Jannar, 2003); (ii) l-Università ta' Malta (ara ***Dr. Emmanuel Borda v. Professur Roger Ellul-Micallef*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Jannar, 2003 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Mejju, 2009); (iii) il-Bank Ċentrali ta' Malta (ara ***Lawrence Borg nomine v. Gvernatur tal-Bank Ċentrali ta' Malta*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-1 ta' Marzu, 2004 u kkonfermata

mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Marzu, 2007); (iv) il-kunsilli lokali (ara ***Piju Attard et v. Kunsill Lokali tal-Munxar, Għawdex*** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) fid-29 ta' Frar, 2008 u ***Maria Victoria Borg et v. Sindku u Segretarju Eżekuttiv in rappreżentanza tal-Kunsill Lokali Pietà*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Mejju, 2009); (v) il-Malta Shipyards Ltd (ara ***Hotel Cerviola Ltd. et v. Malta Shipyards Ltd*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Settembru, 2009); (vi) il-Malta Industrial Parks Limited (ara ***Is-Soċjetà Euro Chemie Products Ltd. v. Malta Industrial Parks Limited et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Settembru, 2009, ***H.P. Cole Ltd v. Malta Industrial Parks Limited*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Marzu, 2012 u ***Paul Licari v. Malta Industrial Parks Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Ottubru, 2022); (vii) il-Gozo Channel Company Limited (ara ***Kaptan Mario Grech v. Gozo Channel Company Limited et nomine*** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) fis-27 ta' April, 2010); (viii) il-WasteServ Malta Limited (ara ***P.T. Matic Environmental Services Ltd. v. Id-Direttur tal-Kuntratti et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Marzu, 2018); u (ix) l-Awtorità Għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (ara ***Amedeo Barletta noe v. Awtorità Għas-Servizz Finanzjarji ta' Malta*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' Ġunju, 2021).

29. Lura għall-każ tal-lum, din il-Qorti mingħajr ebda tħassib tgħid illi l-

Bord ta' Sorveljanza Dwar Sanzjonijiet, bħal dawk il-korpi kollha msemmija fil-paragrafu ta' qabel dan, jaqa' fit-tieni kategorija ta' awtoritajiet pubbliċi. Dan hu hekk għaliex: (i) dan il-Bord ġie mwaqqaf b'liġi speċifika bis-saħħa tal-**Artikolu 7(1) tal-Att dwar Poteri Li Jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali**; u (ii) dan il-Bord huwa korp maqgħud għaliex huwa magħmul mhux minn persuna fiżika waħda iżda minn għaqda ta' persuni. Kemm hu hekk, l-**Artikolu 7(2) tal-Att dwar Poteri Li Jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali** jgħid li dan il-Bord huwa magħmul minn rappreżentant tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin, mill-Avukat Ġenerali jew minn rappreżentant tiegħu, mill-Kummissarju tal-Pulizija jew minn rappreżentant tiegħu, minn rappreżentant tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru, minn rappreżentant tal-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja, minn rappreżentant tas-Servizz tas-Sigurtà ta' Malta, minn rappreżentant tal-Ministeru responsabbli għall-Affarijiet Interni, minn rappreżentant tal-Ministeru responsabbli għad-difiża, minn rappreżentant tal-Ministeru responsabbli għall-finanzi, minn rappreżentant tal-Ministeru responsabbli għall-ekonomija, minn rappreżentant tad-Dipartiment tal-Kummerċ, minn rappreżentant tad-Dipartiment tad-Dwana, minn rappreżentant tal-Bank Ċentrali ta' Malta, minn rappreżentant tal-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, minn rappreżentant tal-Ministeru responsabbli għall-affarijiet marittimi, minn rappreżentant tal-Ministeru responsabbli għall-affarijiet tal-avjazzjoni, minn rappreżentant tal-Ministeru responsabbli għall-artijiet u minn

rappreżentant tal-Ministeru responsabbli għall-affarijiet dwar l-immigrazzjoni. Sinjifikanti li dawn il-membri kollha huma lkoll mogħnija b'setgħat ta' awtorità pubblika.

30. B'żieda ma' dan, il-funzjonijiet ta' dan il-Bord imsemmija fl-**Artikolu 7(5) tal-Att dwar Poteri Li Jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali** huma kollha ta' natura regolatorja u amministrattiva f'isem il-Gvern ta' Malta.

31. Għalhekk huwa ċar li l-Bord ta' Sorveljanza dwar Sanzjonijiet jaqa' fit-tifsira ta' awtorità pubblika għall-għanijiet tal-**Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

32. Il-Bord appellant però jinsisti fl-appell tiegħu li huwa mhuwiex awtorità pubblika għaliex m'għandux is-setgħa bil-liġi li joħroġ *warrants* għall-eżerċizzju ta' xi sengħa jew professjoni.

33. Din il-Qorti iżda ma taqbel xejn ma' din is-sottomissjoni. Dan għaliex mhumiex dawk il-bordijiet biss li joħorġu l-*warrants* li huma meqjusa bħala awtorijitajiet pubbliċi, iżda, anke dawk il-bordijiet li huma korpi magħquda li huma maħluqa bil-liġi.

34. Tassew il-fatt waħdu li l-Bord ta' Sorveljanza dwar Sanzjonijiet ma

jaqax fit-tielet kategorija ta' awtoritajiet pubbliċi skont l-**Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivil** minħabba li ma joħroġx *warrants* għall-eżerċizzju ta' xi sengħa jew professjoni, ma jeskludihx b'daqshekk mit-tifsira ta' awtorità pubblika.

35. Ladarba l-Bord ta' Sorveljanza dwar Sanzjonijiet jaqa' fit-tieni kategorija ta' korp magħqud imwaqqaf bil-liġi, allura m'hemmx għalfejn li wieħed jivverifika jekk dan il-Bord jaqax fit-tielet kategorija ta' awtoritajiet pubbliċi.

36. Huwa bil-wisq evidenti għal din il-Qorti li t-tielet kategorija ta' awtoritajiet pubbliċi, li ġiet miżjuda bl-**Att XXI tal-2020,** ma ġietx imdaħħla biex teskludi jew biex tneħħi l-bordijiet kollha, ħlief dawk li joħorġu l-*warrants* għall-eżerċizzju ta' xi sengħa jew professjoni, mill-ambitu tal-**Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazjoni u Proċedura Ċivili**, kif donnu hekk jimplika l-Bord appellant fl-aggravju tiegħu.

37. Mod ieħor, l-għan wara din l-emenda kienet biex sewwasew tiżdied il-ġurisdizzjoni tal-qrati ċivili taħt l-**Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazjoni u Proċedura Ċivili**. Dan billi wieħed ikun jista' jitlob li jsir stħarriġ ġudizzjarju mhux biss tad-deċiżjonijiet mogħtija minn bordijiet li huma maħluqa bil-liġi, iżda biex wieħed ikun jista' jitlob li jsir stħarriġ ġudizzjarju wkoll ta' dawk id-deċiżjonijiet mogħtija minn bordijiet, li

għalkemm ma jkunux maħluqa u mwaqqfa bil-liġi, madankollu huma mogħnija bl-awtorità skont il-liġi illi joħorġu *warrants* għall-eżerċizzju ta' xi sengħa jew professjoni.

38. Dan kollu jikkonfermah ukoll il-**Professur Tonio Borg**, fis-silta meħuda minn paġna 152 tal-ktieb tiegħu ***Maltese Administrative Law***, li ġiet ċitata mill-Bord appellant fl-appell tiegħu, fejn jispjega li ż-żieda mwettqa fit-tifsira ta' awtorità pubblika, b'riħet l-emendi tal-2020, saret biex tinkludi wkoll bordijiet li, «*were not necessarily bodies corporate established by law and probably could not even be classified as part of a ministry or governmental department.*»

39. Din il-Qorti għalhekk qiegħda ttenni l-fehma milħuqa mill-Ewwel Qorti illi l-Bord ta' Sorveljanza dwar Sanzjonijiet għandu jitqies bħala awtorità pubblika għall-għanijiet tal-**Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazjoni u Proċedura Ċivili**, ladarba dan huwa korp maqgħud li ġie mwaqqaf b'liġi speċifika.

40. L-appell tal-Bord konvenut mis-sentenza parzjali tal-Ewwel Qorti għalhekk qiegħed jiġi miċħud.

41. Il-Qorti sejra timxi issa biex tqis it-tieni appell dwar **is-sentenza finali tat-12 ta' Mejju, 2023**.

42. L-**<u>ewwel aggravju</u>** tal-Bord appellant kontra s-sentenza appellata jolqot dik il-parti fejn l-Ewwel Qorti sabet li seħħ ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali għaliex il-Bord ta' Sorveljanza dwar Sanzjonijiet naqas milli jgħarraf lid-ditta *Mifsud & Mifsud Advocates*, bil-fatt li hija kienet qiegħda tiġi mixlija b'nuqqasijiet taħt l-**Artikolu 17(6) tal-Att dwar Poteri Li Jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali**, qabel ta d-deċiżjoni tiegħu fil-15 ta' Marzu, 2021, li permezz tagħha d-ditta legali inkwistjoni weħlet multa amministrattiva ta' €800.

43. L-argument tal-Bord appellant huwa li għalkemm huwa minnu li l-Bord ta' Sorveljanza dwar Sanzjonijiet ma kitibx lil *Mifsud & Mifsud Advocates* sabiex din tibgħat is-sottomissjonijiet miktuba tagħha, ħalli dawn jiġu meqjusa qabel id-deċiżjoni finali, madankollu rriżulta bħala stat ta' fatt li *Mifsud & Mifsud Advocates* xorta kienet minn jeddha bagħtet dawn is-sottomissjonijiet bil-miktub qabel l-għoti tad-deċiżjoni fejn ġiet imposta l-multa amministrattiva. Għalhekk il-Bord appellant isostni li ladarba s-sottomissjonijiet bil-miktub saru minn *Mifsud & Mifsud Advocates* qabel l-għoti tad-deċiżjoni, allura ma jistax jingħad li huma ġew imċaħħda mill-opportunità li jressqu l-pożizzjoni tagħhom.

44. Mill-banda l-oħra, l-appellati Mifsud iwieġbu li d-ditta *Mifsud & Mifsud Advocates* qatt ma kienet ġiet mgħarrfa li hija kienet suġġetta għal

xi investigazzjonijiet minħabba allegat ksur tad-dispożizzjonijiet tal-**Att dwar Poteri Li Jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali**. Għalhekk jisħqu li l-Bord ta' Sorveljanza dwar Sanzjonijiet ma setax iwaħħal multa amministrattiva lid-ditta legali *Mifsud & Mifsud Advocates,* mingħajr ma mqar jagħtiha avviż minn qabel dwar il-fatt li d-ditta legali kienet qiegħda tiġi mixlija b'nuqqasijiet amministrattivi. Iżidu jtennu li għalkemm *Mifsud & Mifsud Advocates* bagħtet sottomissjonijiet bil-miktub, dan kollu ma jbiddilx il-fatt li l-Bord ta' Sorveljanza dwar Sanzjonijiet qatt ma kien avża lid-ditta legali li huwa kien qiegħed jixliha b'nuqqasijiet amministrattivi.

45. Din il-Qorti bla wisq tidwir mal-lewża, tgħid li dan l-aggravju tal-Bord appellant ma huwa misħoqq xejn.

46. Illi skont l-**Artikolu 469A(1)(b)(ii) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** deċiżjoni ta' awtorità pubblika tista' tiġi mħassra jekk din tittieħed kontra l-prinċipji tal-ġustizzja naturali. L-**Artikolu 469A** ma jipprovdilna l-ebda tifsira ta' x'jaqa' taħt il-prinċipji ta' ġustizzja naturali, madankollu ġie mtenni fil-ġurisprudenza illi l-prinċipju tal-ġustizzja naturali jnissel fih żewġ regoli tradizzjonali, dak tan-*nemo iudex in causa propria* u dak tal-*audi et alteram partem.*

47. F'din il-kawża, l-appellati Mifsud akkużaw lill-Bord ta' Sorveljanza dwar Sanzjonijiet bi ksur tal-prinċipju tal-*audi et alteram partem*.

48. Huwa magħruf li l-prinċipju tal-*audi alteram partem* jitlob, li qabel ma tittieħed xi deċiżjoni amministrattiva fil-konfront ta' xi persuna, dik il-persuna għandha tingħata ċ-ċans li tiddefendi l-każ kontriha, u dan billi tingħata l-opportunità li tgħid tagħha, u li tingħata widen għal dak li jkollha xi tgħid (ara ***Il-Perit u Arkitett Ċivili Anthony Galea v. Il-Perit Andrè Pizzuto pro et noe*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell ftit tax-xhur ilu biss fit-12 ta' Lulju, 2023).

49. Issa bħalma ngħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Dr Fazal Hussain v. Kunsill Mediku*** deċiża fl-24 ta' Novembru, 2017, in-nuqqas li parti tingħata pre-avviż dwar id-dettalji tal-akkużi, ixellef l-opportunità lil dak li jkun milli jiddefendi lilu nnifsu b'mod xieraq, u dan bi ksur tal-prinċipju tal-*audi et alteram partem* (ara wkoll ***Mario Gerada v. L-Onorevoli Prim Ministru et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' April, 2017 u ***Paul Cassar v. Awtorità Dwar it-Trasport ta' Malta*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Jannar, 2013).

50. Fuq dawn il-linji, ġie mfisser mill-Qorti tal-Appell, fis-sentenza ***Paul Borg v. Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku*** maqtugħa fit-28 ta' Settembru, 2012, li:

> *«il-prinċipji ta' ġustizzja naturali jirrikjedu li dak li jkun jingħata pre-avviż ta' dak imputat lilu, u li jingħata l-oppurtunità jipprepara l-każ tiegħu u jiddefendi l-posizzjoni li jrid jadotta. L-aġir tal-Awtorità konvenuta effettivament iċaħħad lill-attur mid-dritt li jħares b'mod xieraq l-interessi*

*tiegħu. Fil-ktieb "**Administrative Law**" (**H.W.R Wade & C.F. Forsyth**, 10th Edit. Paġna 428), jinsab osservat li:*

> *«...a proper hearing must always include a 'fair opportunity' to those who are parties in the controversy for correcting or contradicting anything prejudicial to their view. Lord Denning has added: "If the right to be heard is to be a real right which is worth anything, it must carry with it a right in the accused man to know the case which is made against him. He must know what evidence has been given and what statements have been made affecting him: and then he must be given a fair opportunity to correct or contradict them."*
>
> *...*
>
> *Disclosure of the charge or of the opposing case must be made in reasonable time to allow the person affected to prepare his defence or his comments. He must have fair notice of any accusation against him, and this is commonly inlcuded in the right to a fair hearing by calling it the right 'to notice and hearing'.»*

*Mhux meħtieġ li l-proċess ikun hekk formali li jsir jixbaħ dak li jseħħ quddiem tribunal ġudizzjarju, iżda hu meħtieġ li persuna akkużata b'kondotta mhux korretta titħalla tiddefendi ruħha.»*

51. Il-Qorti tqis li dan kollu jgħodd għall-każ li għandha quddiemha. Tassew il-Bord ta' Sorveljanza dwar Sanzjonijiet ma kienx amministrattivament u proċeduralment korrett meta qabad u ta d-deċiżjoni tiegħu tal-15 ta' Marzu, 2021, mingħajr ma avża minn qabel lid-ditta *Mifsud & Mifsud Advocates* li hija kienet qiegħda tiġi investigata jew mixlija bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-**Att dwar Poteri Li Jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali**.

52. Il-Bord ta' Sorveljanza dwar Sanzjonijiet għamel ħażin li ħasad għall-għarrieda lid-ditta *Mifsud & Mifsud Advocates* bit-twaħħil tal-multa amministrattiva. Il-prinċipji li jirregolaw l-imġiba amministrattiva kienu jitolbu min-naħa tal-Bord, li qabel iwaħħal il-multa, huwa kellu javża lid-

ditta *Mifsud & Mifsud Advocates* bil-fatt li hija kienet qiegħda tiġi investigata b'għemil li jmur kontra l-liġi.

53. Huwa veru li d-ditta *Mifsud & Mifsud Advocates* kienet minn jeddha qabdet u bagħtet sottomissjonijiet bil-miktub lill-Bord ta' Sorveljanza dwar Sanzjonijiet, wara li din saret taf bl-akkużi li saru fil-konfront ta' Aegis Corporate Services Limited. Minkejja dan però, xorta jibqa' l-fatt li meta ntbagħtu dawn is-sottomissjonijiet min-naħa ta' *Mifsud & Mifsud Advocates,* ma kien hemm l-ebda akkużi formali kontra tali ditta legali għaliex l-akkużi kienu tressqu biss kontra Aegis Corporate Services Limited.

54. Ma huwa fejjiedi xejn f'dan il-kuntest, l-argument tal-Bord appellant li huwa ma kellux għalfejn jibgħat xiljiet formali lil *Mifsud & Mifsud Advocates* għaliex huwa diġà kellu għarfien tad-difiża tagħha meta rċieva s-sottomissjonijiet miktuba tagħha, wara li kien bagħat l-ittra ta' akkuża lil Aegis Corporate Services Limited. Tassew il-Bord appellant ma jista' qatt ikun daqshekk ċert mija fil-mija, illi li kieku *Mifsud & Mifsud Advocates* irċeviet l-akkużi formali, din kienet ħa tibgħat sottomissjonijiet miktuba li kienu ħa jkunu kelma b'kelma bħas-sottomissjonijiet li bagħtet minn jeddha. Għal dak li jiswa, seta' jkun il-każ li *Mifsud & Mifsud Advocates* tibgħat sottomissjonijiet miżjuda jew differenti. Biex ma ngħidux ukoll, li *Mifsud & Mifsud Advocates* setgħet tressaq jew titlob li tippreżenta xi

provi biex isaħħaħ id-difiża tagħha. Għalhekk mhuwiex xieraq li l-Bord appellant joqgħod jistħajjel x'tip ta' sottomissjonijiet kienu ħa jsiru li kieku huwa bagħat akkużi formali lil *Mifsud & Mifsud Advocates*.

55. Iżda lil hemm mill-fatt jekk dawn is-sottomissjonijiet miktuba kinux ħa jkunu l-istess jew differenti, din il-Qorti tqis li xorta jibqa' meħtieġ illi min ikun mixli bi ksur tal-liġi għandu jingħata avviż minn qabel b'dan u għandu jkun jaf bi preċiżjoni għal xiex għandu jwieġeb.

56. L-għoti ta' dan l-avviż jibqa' jgħodd kemm jekk l-awtorità pubblika ma jkollhiex tarf dwar x'tip ta' difiża sejra titressaq mill-persuna mixlija, kemm jekk l-awtorità pubblika tkun diġà taf x'ser tkun id-difiża tal-parti mixlija u kif ukoll jekk l-awtorità pubblika tkun konvinta li l-persuna mixlija m'għandha l-ebda difiża xi tressaq.

57. Illi fil-każ tal-lum, għalkemm il-Bord ta' Sorveljanza dwar Sanzjonijiet kellu ħjiel tajjeb dwar x'tip ta' difiża kellha *Mifsud & Mifsud Advocates,* peress li dan kellu f'idejh is-sottomissjonijiet miktuba tagħha, xorta waħda jibqa' l-fatt li huwa ma kellux iwaħħlilha piena qabel ma joħroġ akkużi formali kontra tagħha.

58. Jiġi b'hekk, li l-Ewwel Qorti kienet siewja meta fis-sentenza tagħha qalet li d-deċiżjoni tal-Bord ta' Sorveljanza dwar Sanzjonijiet mogħtija fil-

15 ta' Marzu, 2021 ma tiswiex minħabba li din ittieħdet bi ksur tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali, kif imħarsa bl-**Artikolu 469A(1)(b)(ii) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedurali Ċivili**.

59. L-ewwel aggravju tal-Bord appellant kontra s-sentenza finali għalhekk qiegħed jiġi miċħud.

60. It-**<u>tieni aggravju</u>** tal-Bord appellant huwa li l-Ewwel Qorti ma messhiex ikkundannatu jħallas lill-appellati Mifsud l-ammont ta' €800 bħala danni, ladarba hija sabet li l-Bord ma mexiex b'rieda ħażina għall-għanijiet tal-**Artikolu 469A(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedurali Ċivili**.

61. Illi d-danni li jistgħu jintalbu taħt l-**Artikolu 469A(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedurali Ċivili** huma marbutin mar-responsabbiltà li ġġib fuqha l-awtorità pubblika bi twettiq ta' delitt jew kważi-delitt li joħrog mill-għemil amministrattiv impunjat. Mhux hekk biss, kif jgħid sew il-Bord appellant, mhux kull għemil amministrattiv li jinstab li ma sarx sewwa jwassal għall-għoti tad-danni lill-parti mġarrba. Dan għaliex biex jistgħu jintalbu danni taħt l-**Artikolu 469A(5)**, il-parti mġarrba trid turi li l-awtorità mxiet magħha b'ħażen jew inkella b'mod mhux raġonevoli (ara ***Mizzi Antiques Limited v. Iċ-Chairman tal-Malta Enterprise*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar, 2019 u ***All for***

***Property Limited v. Direttur Ġenerali (Dwana)*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Diċembru, 2019).

62. Interessanti li fis-sentenza ***Angelo Xuereb pro et noe v. Ministru għall-Iżvilupp tal-Infrastruttura et*** deċiża fis-27 ta' Marzu, 2015, il-Qorti tal-Appell qalet li l-prinċipju ta' ġustizzja naturali tal-*audi alteram partem* huwa tant importanti, li min jaġixxi bi ksur tiegħu inevitabilment jesponi ruħu għall-akkuża li aġixxa *in mala fede*.

63. Illi fil-każ tal-lum, minn kif inhi miktuba s-sentenza appellata huwa ċar li l-Ewwel Qorti ma llikwidat l-ebda danni favur l-appellati Mifsud skont l-**Artikolu 469A(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedurali Ċivili**. Kemm hu hekk, ingħad fis-sentenza appellata li d-deċiżjoni tal-Bord appellant ma tteħditx b'ħażen iżda ttieħdet biss b'għaġġla żejda minħabba żelu żejjed biex ikun effiċjenti, u li f'kull każ l-atturi Mifsud ma ġabux prova tad-danni li jgħidu li ġarrbu.

64. Għalhekk ir-riferenza li l-Bord appellant qiegħed jagħmel f'dan l-aggravju tiegħu għall-**Artikolu 469A(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedurali Ċivili** ma tista' tkun ta' ebda fejda għalih, ladarba joħroġ ċar mis-sentenza appellata li huwa ma ġiex ikkundanat iħallas l-ebda danni taħt dan l-artikolu.

65. Jissokta jingħad, li l-ammont ta' €800, li ġie ordnat li għandu jitħallas mill-Ewwel Qorti, jirrappreżenta biss ir-radd lura tal-multa amministrattiva, li l-appellati Mifsud ħallsu lill-Bord appellant taħt protesta biex ma jinġemax fuqu l-imgħax, sakemm idumu għaddejjin dawn il-proċeduri ta' stħarriġ ġudizzjarju.

66. Naturalment peress li f'dawn il-proċeduri nstab li d-deċiżjoni li biha ġiet imposta l-multa ta' €800 ma tiswiex, allura huwa loġiku li l-Bord ta' Sorveljanza dwar Sanzjonijiet ma jistax jibqa' jżomm għandu dawn il-flejjes. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Gaetano Vella v. Università ta' Malta*** deċiża fis-26 ta' Mejju, 2021, «*jekk kemm-il darba xi għemil amministrattiv jitħassar minn Qorti f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju, dak l-għemil jiġi daqslikieku ma kien sar qatt u jista' jsir mill-ġdid b'mod legali u kif imiss.*»

67. Fil-kuntest tal-kawża tagħna, instab li d-deċiżjoni tat-twaħħil tal-multa amministrattiva, fl-ammont ta' €800, li ġiet meħuda mill-Bord appellant fil-15 ta' Marzu, 2021 hija nulla. Għalhekk ladarba din id-deċiżjoni hija nulla, il-Bord appellant ma jistax jippretendi li jista jibqa' jżomm għandu l-ammont ta' €800 li l-appellati Mifsud laħqu ħallsu skont dik id-deċiżjoni.

68. Ir-radd lura tal-ħlas tal-multa amministrattiva ta' €800 lill-appellati

Mifsud hija l-konsegwenza loġika u naturali tal-fatt li d-deċiżjoni li bis-saħħa tagħha l-Bord appellant ġabar dik il-multa ġiet imħassra (ara f'dan is-sens ***Paul Cassar v. Awtorità Dwar it-Trasport ta' Malta*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Jannar, 2013).

69. Anke dan it-tieni aggravju għalhekk sejjer jiġi miċħud, b'dana però li biex ma jinħolqux inekwivoċi, fil-parti finali tas-sentenza sejra ssir kwalifika li s-somma ta' €800 għandha titħallas mhux bħala danni taħt l-**Artikolu 469A(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedurali Ċivili** iżda bħala rifużjoni tal-multa amministrattiva li ġiet imħallsa.

70. L-**<u>aħħar aggravju</u>** tal-Bord appellant għandu x'jaqsam mal-ispejjeż tal-kawża. Il-Bord appellant jargumenta li huwa ma kellux jeħel l-ispejjeż kollha tal-kawża ladarba l-Ewwel Qorti ċaħdet l-ilment tal-appellati Mifsud fuq il-bażi tal-**Artikolu 469A(1)(a) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedurali Ċivili** u astjeniet milli tqis l-ilment taħt l-**Artikolu 469A(1)(b)(iii)** u **(iv) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedurali Ċivili**.

71. Meta wieħed iqis il-valur u l-bixra ta' din il-kawża, il-fatt li l-Bord appellant ressaq eċċezzjonijiet preliminari fil-vojt u l-fatt li l-atturi appellati ngħataw raġun kważi f'kollox ħlief f'parti żgħira fejn għandu x'jaqsam mal-**Artikolu 469A(1)(a) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedurali Ċivil**,

din il-Qorti ma tarax raġun valida għalfejn għandha tbiddel id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti dwar il-kap tal-ispejjeż.

72. Anke dan l-aħħar aggravju għalhekk qiegħed jiġi mwarrab.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tiċħad** l-appelli tal-Bord ta' Sorveljanza Dwar Sanzjonijiet mis-sentenza parzjali tal-11 ta' Marzu, 2022 u mis-sentenza finali tat-12 ta' Mejju, 2023 u tikkonferma l-istess żewġ sentenzi, bil-kwalifika però, li s-somma ta' tmien mitt ewro (€800) li l-Bord ta' Sorveljanza Dwar Sanzjonijiet għandu jħallas lill-avukati Cedric u Malcolm Mifsud huma dovuti mhux bħala danni taħt l-**Artikolu 469A(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedurali Ċivili** iżda bħala rifużjoni tal-multa amministrattiva li kienet ġiet imħallsa minnhom.

L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu kollha kemm huma mill-Bord ta' Sorveljanza Dwar Sanzjonijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm